

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv:

- a) Meta tali dritt jinkiser bit-tressiq ta' proċeduri ġudizzjarji fil-konfront ta' din il-persuna fi Stat terz, jeżisti obbligu fuq l-Istat Membru sabiex jipprovdi rimedju, anki permezz ta' ordni intiża li tipprojbixxi lil parti milli tibda jew tkompli proċeduri f'ġurisdizzjoni oħra?
- b) Tali obbligu jestendi għal każ fejn kawża tista' tiġi ppreżentata fil-qrat ta' Stat terz filwaqt li ma tistax tiġi ppreżentata taħt il-liġi applikabbli fil-qrat tal-Istat Membru?

(<sup>1</sup>) Regolament (UE) Nru 1215/2012 (ĠU 2012, L 351, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (Queen's Bench Division) (ir-Renju Unit) fis-6 ta' Jannar 2020 – Daimler AG vs Walleniusrederierna Aktiebolag, Wallenius Wilhelmsen ASA, Wallenius Logistics AB, Wilhelmsen Ships Holding Malta Limited, Wallenius Wilhelmsen Ocean AS, "K" Line Holding (Europe) Limited, "K" Line Europe Limited, Nyk Group Europe Limited, Compañia Sudamericana de Vapores SA**

(Kawża C-2/20)

(2020/C 68/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Qorti tar-rinviju

High Court of Justice (Queen's Bench Division)

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Daimler AG

Konvenuti: Walleniusrederierna Aktiebolag, Wallenius Wilhelmsen ASA, Wallenius Logistics AB, Wilhelmsen Ships Holding Malta Limited, Wallenius Wilhelmsen Ocean AS, "K" Line Holding (Europe) Limited, "K" Line Europe Limited, Nyk Group Europe Limited, Compañia Sudamericana de Vapores SA

## Domandi preliminari

- 1) Qorti nazzjonali għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddetermina talba għad-danni taħt l-Artikolu 85 KEE/l-Artikolu 81 KE fejn l-agħiż ikkritikat kien jinvolvi l-provvista ta' servizzi marittimi internazzjonali eskluziżiavement bejn portijiet li ma humiex tal-KEE jew tal-KEE fil-perijodu qabel l-1 ta' Mejju 2004 u l-qorti nazzjonali ma kinitx awtorità rilevantī fi Stat Membru għall-finijiet tal-Artikolu 88 KEE jew l-Artikolu 84 KE?
- 2) Jekk tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, qorti nazzjonali għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddetermina tali talba fir-rigward tal-provvista ta' servizzi marittimi internazzjonali eskluziżiavvement bejn portijiet li ma humiex tal-KEE jew tal-KEE fil-perijodu bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-18 ta' Ottubru 2006?